Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11587/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0190 (NLE)**

**FISC 249**
**ECOFIN 975**
**ENER 500**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 354 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL<br>li tawtorizza lill-Irlanda tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għall-użu kummerċjali taż-żejt minn ċerti operaturi tat-trasport bit-triq, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 354 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 354 final

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.7.2026
COM(2026) 354 final

2026/0190 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Irlanda tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għall-użu kummerċjali taż-żejt minn ċerti operaturi tat-trasport bit-triq, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-Unjoni hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1] ("id-Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal raġunijiet politiki speċifiċi.

Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Mejju 2026, l-awtoritajiet Irlandiżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex japplikaw tnaqqis temporanju tar-rati tat-taxxa effettiva nazzjonali għall-użu kummerċjali taż-żejt tal-gass mill-operaturi tat-trasport bit-triq li jikkwalifikaw skont id-dispożizzjoni dwar l-użu kummerċjali tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva, li b'hekk jinżlu taħt il-livelli ta' tassazzjoni minimi stabbiliti fl-Artikolu 7 u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva. Permezz ta' ittra datata l-1 ta' Lulju 2026, l-awtoritajiet Irlandiżi komplew jiċċaraw id-durata tal-awtorizzazzjoni mitluba.

Mill-bidu tal-ostilitajiet fl-Istrett ta' Hormuz fit-28 ta' Frar 2026 u ż-żieda li rriżultat fil-prezzijiet tal-enerġija, il-Gvern tal-Irlanda introduċa tnaqqis fil-livell ġenerali tas-sisa applikata għaż-żejt tal-gass li jintuża bħala propellant għal 37.185 ċenteżmu għal kull litru, b'effett mill-15 ta' April 2026.

Barra minn hekk, l-Irlanda topera skema ta' tnaqqis għad-diżil għall-benefiċċju tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bix-xarabank, kif permess skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva. B'riżultat tal-leġiżlazzjoni li ġiet introdotta sa mill-bidu ta' din il-kriżi, il-partijiet li jikkwalifikaw għal din l-iskema jirċievu ħlasijiet lura li permezz tagħhom il-livell effettiv tad-dazju tas-sisa għal dawk il-partijiet ikun ta' EUR 0.25185 għal kull litru ta' żejt tal-gass li jintuża bħala propellant sal-31 ta' Awwissu 2026 u EUR 0.31689 għal kull litru ta' żejt tal-gass li jintuża bħala propellant bejn l-1 ta' Settembru 2026 u t-30 ta' Settembru 2026. Iż-żewġ rati huma taħt ir-rata minima tal-Unjoni stabbilita mid-Direttiva.

Il-perjodu ta' validità mitlub għall-miżura huwa l-perjodu mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill sat-30 ta' Settembru 2026, li huwa iqsar mill-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva.

Skont l-awtoritajiet Irlandiżi, l-għan tal-miżura huwa li jittaffa l-effett li l-prezzijiet bl-imnut għoljin taż-żejt tal-gass li jirriżultaw minn avvenimenti ġeopolitiċi reċenti qed ikollhom fuq l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bix-xarabank. Din il-miżura se ttaffi l-effetti sekondarji ta' prezzijiet tal-fjuwil ogħla fuq il-prezzijiet tal-konsumatur, minħabba l-importanza ta' dawn is-setturi fil-forniment ta' oġġetti u servizzi oħra.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew enfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija tibqa' l-aktar strateġija effettiva biex tinkiseb l-awtonomija strateġika

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj).

tal-Ewropa, tissaħħaħ ir-reżiljenza, jitnaqqsu strutturalment il-prezzijiet tal-enerġija, u tiġi pprovduta l-enerġija nadifa, abbundanti u prodotta lokalment meħtieġa biex tixpruna l-ekonomija tal-futur.

Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li huma meħtieġa soluzzjonijiet immirati fuq terminu ta' żmien qasir biex tiġi żgurata enerġija bi prezzijiet raġonevoli, filwaqt li jitqiesu n-newtralità teknoloġika u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, l-esponiment partikolari ta' ċerti setturi industrijali għar-riskju ta' rilokazzjoni, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għal setturi innovattivi intensivi fl-enerġija, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà u l-kundizzjonijiet ekwi.

Għal dan il-fini, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta minnufih sett ta' miżuri temporanji mmirati ħalli jindirizzaw iż-żidiet qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili importati li jirriżultaw mill-kriżi fil-Lvant Nofsani. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jipprovdu gwida politika min-naħa tal-Istati Membri u jikkostitwixxu mandat politiku biex jiġu adottati miżuri fiskali li jippermettu l-flessibbiltajiet mitlubin. Dawn il-konklużjonijiet jippromwovu b'mod ċar l-użu sħiħ tad-derogi u l-flessibbiltajiet previsti fid-Direttiva, inkluż l-adozzjoni ta' rati mnaqqsa temporanji, marbutin bir-reqqa maċ-ċirkostanzi straordinarji u mal-objettivi tal-affordabbiltà tal-enerġija.

L-objettivi ta' tali miżuri jkunu li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet immirati u temporanji biex jindirizzaw l-impatt negattiv li l-kriżijiet attwali tal-enerġija qed ikollhom fuq il-prezzijiet. Dawn huma meħtieġ fuq terminu ta' żmien qasir biex tiġi żgurata enerġija bi prezzijiet raġonevoli, filwaqt li jitqiesu n-newtralità teknoloġika u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, l-esponiment partikolari ta' ċerti setturi industrijali għar-riskju ta' rilokazzjoni, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għal setturi innovattivi intensivi fl-enerġija, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà u l-kundizzjonijiet ekwi.

Minn mindu faqqgħu l-ostilitajiet fit-28 ta' Frar 2026 u bit-taqlib li segwa fl-Istrett ta' Hormuz, il-prezz taż-żejt (Brent) żdied minn madwar EUR 60 il-barmil għal aktar minn EUR 90 il-barmil[2]. Skont l-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tal-Irlanda, il-prezzijiet għaż-żejt tal-gass, kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP), żdiedu bi 18 % fuq bażi ta' xahar f'Marzu 2026 u kienu fl-ogħla livell tagħhom minn Lulju 2022[3].

Meta wieħed iħares lejn l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-enerġija taż-żejt fil-perjodu ta' din id-deroga, il-prezzijiet huma mistennija li jkomplu jogħlew. Wara dan, l-aspettattivi jiddependu ħafna minn kemm idumu l-ostilitaijet fil-Lvant Nofsani u t-taqlib fl-Istrett ta' Hormuz.

Il-prezzijiet tal-fjuwil isegwu d-dinamika tal-prezz taż-żejt mhux maħdum b'dewmien ta' ġimgħa jew ġimagħtejn, bid-distinzjoni li l-prezzijiet tal-petrol għandhom it-tendenza li jirreaġixxu inqas direttament għall-prezzijiet taż-żejt, filwaqt li ż-żejt tal-gass li l-UE qed timporta għandu t-tendenza li jkun aktar volatili mill-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum.

In-natura globali tal-prezzijiet taż-żejt u l-influwenza limitata li l-Istati Membri għandhom fuq dawk il-prezzijiet jagħmlu minn din il-kriżi waħda eżoġena. L-Istati Membri kollha se jkunu soġġetti għal prezzijiet globali simili għall-prodotti tal-enerġija.

---

2 DĠ ENER, Weekly Oil Bulletin, it-2 ta' April 2026, https://energy.ec.europa.eu/data-and-analysis/weekly-oil-bulletin_mt.

3 Focus on Fuel and Home Heating Costs March 2026 - Central Statistics Office.

Minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi tagħha u l-infrastruttura ferrovjarja mhux żviluppata biżżejjed, ir-Repubblika tal-Irlanda tiddependi ħafna mit-trasport bit-triq kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE huwa kif ġej:

"*Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.*"

Permezz tat-tnaqqis fit-taxxa inkwistjoni, l-awtoritajiet Irlandiżi beħsiebhom jgħinu biex jittaffew l-effetti li l-prezzijiet bl-imnut għoljin taż-żejt tal-gass qed ikollhom fuq is-settur tat-trasport bit-triq, b'riżultat tal-ostilitajiet fil-Lvant Nofsani u, fl-aħħar mill-aħħar, permezz tal-mitigazzjoni tal-effetti sekondarji, beħsiebhom isegwu l-objettiv li jnaqqsu l-impatti soċjali u ekonomiċi fuq l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji.

Dawn il-ħlasijiet lura tat-taxxa jkunu jwasslu għal sitwazzjoni fejn il-benefiċjarji jibbenefikaw minn rati tas-sisa effettiva li jkunu iktar baxxi mir-rata minima tal-UE skont id-Direttiva, u huwa għalhekk li qed tiġi diskussa l-awtorizzazzjoni.

Il-possibbiltà li jiġu introdotti tali rati tat-taxxa effettiva tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-iskop tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu aktar eżenzjonijiet, ħlasijiet lura jew tnaqqis għal raġunijiet politiki speċifiċi.

Il-perjodu limitat ta' validità huwa iqsar mill-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva, bil-possibbiltà ta' tiġdid.

Fl-aħħar nett, it-tnaqqis fit-taxxa mhuwiex kumulattiv ma' xi tip ieħor ta' tnaqqis fit-taxxa.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, jidher xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mitlub.

Fl-istess ħin, il-ħlasijiet lura tat-taxxa jimplikaw kostijiet fiskali u għandhom it-tendenza li jżidu d-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggravaw l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, il-miżura għandha tibqa' strettament limitata fiż-żmien u l-impatt mistenni tagħha fuq id-domanda għall-fjuwils fossili kif ukoll il-kost fiskali tagħha jridu jiġu vvalutati. Fejn ikun meħtieġ, iridu jittieħdu miżuri ta' kumpens.

*Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

It-tnaqqis fir-rata tat-taxxa effettiva mitlub mill-awtoritajiet Irlandiżi se jwassal għal rati li jkunu taħt il-livelli ta' tassazzjoni minimi għall-fjuwils tat-trasport stabbiliti fl-Artikolu 7 u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva. B'mod speċifiku, ir-rati tat-taxxa effettiva se jkunu EUR 0,25185 għal kull litru ta' żejt tal-gass li jintuża bħala propellant għall-perjodu sal-31 ta' Awwissu 2026 u EUR 0,31689 għal kull litru ta' żejt tal-gass li jintuża bħala propellant għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2026 sat-30 ta' Settembru 2026. Dawn ir-rati għandhom japplikaw esklussivament għal dawk il-partijiet li jikkwalifikaw taħt skema stabbilita skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva.

Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni tal-miżura Irlandiża skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ma tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Kull abbozz ta' deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija jrid jiġi eżaminat mill-Kummissjoni filwaqt li jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-ħtieġa li jiġu żgurati l-kompetizzjoni ġusta u l-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Skont l-awtoritajiet Irlandiżi, il-ħlas lura tat-taxxa previst għandu jtaffi parzjalment il-piż soċjali u ekonomiku tal-popolazzjoni Irlandiża minħabba ż-żieda reċenti fil-prezz tal-fjuwils tat-trasport li tirriżulta wkoll mill-ostilitajiet fil-Lvant Nofsani u mit-tfixkil fl-Istrett ta' Hormuz, li jirriskjaw effetti sekondarji fuq il-prezzijiet li jħallu impatt fuq it-trasport tal-merkanzija u l-forniment ta' servizzi tat-trasport.

Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, din il-miżura temporanja x'aktarx li ma taffettwax il-kummerċ intra-UE. Kollox ma' kollox, il-miżura tidher aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-effetti limitati u d-durata limitata tagħha, il-miżura la għandha xxekkel il-kompetizzjoni u lanqas ma għandha tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

**Politika ambjentali u klimatika**

L-Unjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ favur l-objettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija, kif iddikjarat fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima (ir-Regolament 2021/1119). It-tnaqqis temporanju fit-taxxa permess minn dan l-att ma għandux iwassal għal dgħufija strutturali tas-sinjali tal-prezzijiet li jinkoraġġixxu l-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

**Politika dwar l-enerġija**

Minħabba l-iskala taż-żieda qawwija attwali fil-prezzijiet tal-enerġija li tirriżulta mis-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kapaċità li jnaqqsu temporanjament ir-rati tas-sisa taħt ir-rati minimi tal-UE għal prodotti.

Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali marbutin mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezz tas-suq eċċezzjonalment għoli tal-prodotti tal-enerġija, il-kapaċità li jitnaqqsu r-rati tas-sisa taħt ir-rati minimi stabbiliti skont id-Direttiva hija meqjusa adegwata u proporzjonata għall-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-objettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-UE mal-imperattiv ta' emerġenza biex tiġi żgurata l-affordabbiltà għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

**Politika tas-suq intern u kompetizzjoni ġusta**

Bħala riżultat tas-sitwazzjoni eċċezzjonali, din il-miżura temporanja x'aktarx li ma taffettwax il-kummerċ intra-UE. Kollox ma' kollox, il-miżura tidher aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-effetti limitati u d-durata limitata tagħha, il-miżura la għandha xxekkel il-kompetizzjoni u lanqas ma għandha tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

**Politika soċjali**

Iż-żieda osservata u mistennija fil-kost tal-enerġija madwar l-Unjoni u l-effetti sekondarji li jirriżultaw minnha għandhom impatt sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx[4]. Għalhekk, it-tnaqqis fid-dazji tas-sisa mmirati lejn it-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-operaturi tat-trasport bix-xarabank jista' jkollu impatt soċjali pożittiv billi jikkontribwixxi għall-minimizzazzjoni taż-żidiet fil-kostijiet għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lill-Istati Membri jintroduċu aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju tas-sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, ma għandux jintbagħat lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tħares il-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis fit-taxxa ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv inkwistjoni.

L-awtorizzazzjoni hija għal perjodu ta' żmien limitat ħafna (mid-data tal-adozzjoni mill-Kunsill sat-30 ta' Settembru 2026) u f'kuntest ta' kriżi tal-enerġija.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma tirrikjedix l-evalwazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mill-Irlanda u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

---

[4] Economic and distributional effects of higher energy prices on households in the EU – Employment, Social Affairs and Inclusion.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma tirrikjedix valutazzjoni tal-impatt. F'konformità mar-regoli għal regolamentazzjoni aħjar, dawn it-tipi ta' atti mhumiex soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt, min-natura tagħhom.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tipprevedix simplifikazzjoni. Din hija r-riżultat ta' talba li għamlet l-Irlanda u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma huwa meħtieġ l-ebda pjan ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa effettiva, li hija prevista għal perjodu ta' żmien limitat. Ir-rati tat-taxxa applikabbli jistgħu jaqgħu taħt il-livelli ta' tassazzjoni minimi stabbiliti mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ ta' proposta biex tiġi estiża l-validità ta' din id-Deċiżjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-Irlanda se titħalla tapplika rati ta' tassazzjoni mnaqqsa għaż-żejt tal-gass li jintuża għall-użu kummerċjali mis-settur tat-trasport bit-triq taħt il-livelli ta' tassazzjoni minimi.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni sat-30 ta' Settembru 2026, kif mitlub mill-Irlanda, li huwa inqas mill-perjodu massimu ta' 6 snin permess mid-Direttiva.

2026/0190 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Irlanda tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa għall-użu kummerċjali taż-żejt minn ċerti operaturi tat-trasport bit-triq, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-iżviluppi ġeopolitiċi fil-Lvant Nofsani, li kellhom impatt fuq il-ktajjen tal-provvista taż-żejt u tal-prodotti taż-żejt globalment, wasslu għal żidiet qawwijin u persistenti fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija. Dawk iż-żidiet kellhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli, u fuq l-impriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'hekk ħolqu riskju serju għall-koeżjoni soċjali, l-istabbiltà ekonomika u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026[6], il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa n-natura straordinarja tas-sitwazzjoni tas-suq tal-enerġija u l-implikazzjonijiet makroekonomiċi tagħha. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tfassal miżuri nazzjonali temporanji u mmirati, biex jittaffew l-impatti sinifikanti taż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwils b'riżultat tal-kriżi fil-Lvant Nofsani, u ssottolinja b'mod partikolari l-bżonn ta' rispons koordinat, hekk kif il-kunflitt fil-Lvant Nofsani għandu impatt immedjat fuq il-prezzijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini u għan-negozji tal-Unjoni.

(3) Id-dazji tas-sisa kif stabbiliti bid-Direttiva 2003/96/KE jikkontribwixxu għall-kost finali tal-prodotti tal-enerġija fornuti fl-Unjoni. Tnaqqis fid-dazji tas-sisa li jkun taħt ir-rati minimi jista' jtaffi xi wħud miż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija li bħalissa qed jesperjenzaw l-Istati Membri.

(4) Il-mekkaniżmi previsti fid-Direttiva 2003/96/KE jippermettu lill-Istati Membri jnaqqsu, f'limiti definiti, il-piż tat-taxxa fuq prodotti speċifiċi tal-enerġija b'mod immirat u temporanju. Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali u urġenti tas-sitwazzjoni attwali, huwa meħtieġ li jiġu previsti mekkaniżmi speċifiċi u limitati fiż-żmien immirati b'mod espliċitu biex itaffu l-impatt tax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.

5 ĠU L , , p. .

6 https://www.consilium.europa.eu/media/lwhk3itd/en-20260319-european-council-conclusions.pdf.

(5) It-tnaqqis temporanju tat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija mmirati jista' jagħti għajnuna rapida lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi billi jnaqqas direttament il-prezzijiet tal-utent finali. Fis-sitwazzjoni attwali, tali tnaqqis straordinarju huwa strument xieraq u meħtieġ biex jiġi indirizzat it-tfixkil serju fl-ekonomija li jirriżulta mix-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.

(6) Permezz ta' ittri datati l-20 ta' Mejju 2026 u l-1 ta' Lulju 2026, l-awtoritajiet Irlandiżi talbu awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, biex japplikaw, fil-forma ta' ħlasijiet lura, rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għaż-żejt tal-gass li jintuża għal użi kummerċjali, speċifikament fis-setturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bix-xarabank.

(7) Permezz ta' tali ħlasijiet lura, li l-Irlanda tkun twettaq permezz tal-iskema tagħha ta' tnaqqis għad-diżil stabbilita għal dan l-għan, ir-rata tas-sisa effettiva għaż-żejt tal-gass għall-partijiet li jikkwalifikaw tkun tinżel għal EUR 0,25185 għal kull litru għall-perjodu sal-31 ta' Awwissu 2026 u għal EUR 0,31689 għal kull litru għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2026 sat-30 ta' Settembru 2026. Dawn ir-rati effettivi jaqgħu taħt il-livelli ta' tassazzjoni minimi applikabbli għall-fjuwil tal-magni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE.

(8) Skont l-awtoritajiet Irlandiżi, l-applikazzjoni ta' tali rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għandha l-għan li ttaffi l-impatt taż-żieda tal-prezz taż-żejt tal-gass li jirriżulta mis-sitwazzjoni ġeopolitika u li jaffettwa direttament jew, permezz ta' effetti sekondarji, indirettament kemm l-unitajiet domestiċi kif ukoll il-kumpaniji.

(9) Il-Kummissjoni eżaminat l-awtorizzazzjoni mitluba sabet li x'aktarx ma tfixkilx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kummissjoni tqis li d-deroga mitluba hija adegwata u proporzjonata, minħabba d-durata qasira tagħha, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika, flimkien ma' prezz tas-suq taż-żejt eċċezzjonalment għoli, u l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-objettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19(1), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, u l-imperattiv ta' emerġenza li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Irlanda tkun awtorizzata tapplika temporanjament rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa taħt il-livelli minimi tal-Unjoni għaż-żejt tal-gass li jintuża bħala fjuwil tal-magni minn persuni jew minn entitajiet li jikkwalifikaw għal rimborżi skont l-iskema ta' tnaqqis għad-diżil tal-Irlanda.

(11) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dik id-dispożizzjoni irid jkollha żmien strettament limitat. Madankollu, sabiex ma jiddgħajfux iż-żviluppi futuri fil-qafas legali eżistenti, jixraq li jiġi previst li, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jadotta livelli ta' tassazzjoni minimi ġodda għaż-żejt tal-gass li jintuża bħala fjuwil tal-magni li l-awtorizzazzjoni mogħtija b'din id-Deċiżjoni ma tkunx kompatibbli magħhom, din l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tieqaf tapplika.

(12) Fl-istess ħin, tnaqqis fit-taxxa jimplika kostijiet fiskali sinifikanti u għandu t-tendenza li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggrava l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni mogħtija b'din id-Deċiżjoni tapplika għal żmien strettament limitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Irlanda awtorizzata tapplika r-rati tas-sisa effettiva minimi li ġejjin għall-operaturi tat-trasport bit-triq li jużaw iż-żejt tal-gass kummerċjali bħala propellant, kif definit fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2003/96/KE:

(a) EUR 0,25185 għal kull litru ta' żejt tal-gass, għall-perjodu ta' bejn id-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni u l-31 ta' Awwissu 2026;

(b) EUR 0,31689 għal kull litru ta' żejt tal-gass, għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2026 u t-30 ta' Settembru 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Settembru 2026.

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jimmodifika l-livelli ta' tassazzjoni minimi ġodda kif imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għaż-żejt tal-gass li jintuża bħala fjuwil tal-magni għal livelli ta' tassazzjoni minimi li l-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx kompatibbli magħhom, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih jibdew japplikaw dawk il-livelli ta' tassazzjoni minimi modifikati.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Irlanda.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*